# NIFIRĦU!

Propju ftit minuti ilu qrajt aħbar ġejja mill-Ukrajna, dwar mitejn ġisem li nstabu f'basement ta' blokk appartamenti f'waħda mill-bliet li kienu ġew ibbumbardjati. Ma nafx min kienu imma nissoponi li l-biċċa kbira minnhom kienu innoċenti, ommijiet u wliedhom żgħar jistaħbew u jistkennu mill-bombi. Il-post tal-kenn sar għalihom qabar komuni.

Aħna l-Insara rridu dejjem ngħixu fil-ferħ li jagħtina Kristu. Minkejja kollox nittamaw dejjem fil-Mulej.



Hawnhekk fil-parroċċa f'dan il-Ħadd se jkollna 14-il tifla u 19-il tifel li se jagħmlu l-ewwel tqarbina. U kellna tifla oħra li għamlet it-tqarbina ftit jiem ilu għax ma setgħetx tkun magħna f'dan il-Ħadd. Nifirħulhom lil dawn it-tfal u nifirħu għall-fatt li l-ġenituri u l-katekisti wassluhom sa dan il-mument għażiż. Kemm snin ta' trobbija, kemm tagħlim, kemm ġiri biex kulħadd ilaħħaq ma' kollox!

Għalhekk nifirħu ma' dawn it-tfal tagħna li f'dan il-Ħadd se jirċievu lil Ġesù ħaj, Ġesù l-Ħobż. Jalla aħna wkoll inkunu tassew ħobż għal xulxin, sostenn fil-ġisem u fil-ħajja tar-ruħ. Bi Kristu dejjem magħna, fil-qalb tagħna.

*L-Arċipriet*

**Seventh Sunday of Easter - Ascension of Our Lord (Year C) - 29th May 2022**

ENGLISH CORNER

Jesus said to his disciples: "Thus it is written that Christ would suffer and rise from the dead on the third day and that repentance, for the forgiveness of sins, would be preached in his name to all the nations, beginning from Jerusalem. You are witnesses of these things. And behold I am sending the promise of my Father upon you; but stay in the city until you are clothed with power from on high." Luke 24:46-49

**AVVIŻI:**

**PURĊISSJONI U PROGRAMM MARJAN:** il-Mużew tas-subien javżaw li nhar it-Tlieta 31 ta' Mejju fis-7:15pm titlaq purċissjoni mill-pjazza bl-istatwa tal-Madonna tal-Qasam. Il-purċissjoni tintemm fil-grawnd tal-Museum fejn ikun hemm programm ta' kant, poeżiji, prietka u konsagrazzjoni lill-Madonna. Kulħadd huwa mistieden għal dan l-att ta' qima lil ommna tas-sema.

**IS-SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 3 ta' Ġunju, huwa jum ta' devozzjoni. Wara l-quddiesa ta' filgħaxija tibda s-siegħa tal-Ħniena Divina. Ilkoll mistednin għal dan il-ħin ta' talb.

**SIEGĦA ADORAZZJONI:** bi tpattija lill-qalb bla tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin, nhar is-Sibt 4 ta' Ġunju fit-8:15am fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù. Kulħadd huwa mistieden.

**LAQGĦA ĠUVINTUR U OLD BOYS:** nhar is-Sibt 4 ta' Ġunju fit-8:00pm, fil-qasam tal-Museum tas-subien. Ser ikellimna l-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri. Tkun preparazzjoni sabiħa għall-festa tal-parroċċa tagħna.

**L-GĦAQDA ARMAR DIĊEMBRU 13:** se torganizza serata u BBQ nhar is-Sibt 4 ta' Ġunju fit-8:00pm quddiem il-maħżen stess fl-okkażjoni tal-25 sena mit-twaqqif tagħha. Waqt is-serata ser jinxtegħlu l-pavaljuni tad-dawl bil-bozoz led's, tiġi inawgurata d-daħla tal-maħżen, inniedu l-ktieb li ser toħroġ l-għaqda, u jintwera feature fuq l-għaqda. Biljetti jinkisbu mingħand il-membri tal-għaqda jew ċemplu fuq 99101957.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** se torganizza BBQ fil-bitħa tas-Sala Parrokkjali nhar il-Ħamis 9 ta' Ġunju fis-7:00pm. Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali u mingħand Tonina 21553041 / 79923153.

**GĦOTI TAD-DEMM:** is-sessjoni li jmiss f'Għawdex se tkun it-Tlieta 5 ta' Ġunju mis-1:00pm sal-5:00pm.

**STEDINA GĦAL ABBATINI ĠODDA:** qed issir stedina lil dawk it-tfal subien minn year 3 'il fuq biex jingħaqdu mal-grupp tal-abbatini tal-parroċċa tagħna. Fil-bidu ta' Ġunju ser jibdew xi laqgħat ta' preparazzjoni biex sal-festa ssir il-vestizzjoni. Dawk interessati huma mitluba jikkuntattjaw lil Fr Reuben Micallef (99245080).

**ARRANĠAMENTI TAL-FJURI GĦAL QUDDIEM SAN PIETRU U SAN PAWL:** dawk il-persuni/familji li jixtiequ jagħtu xi donazzjoni għall-arranġamenti tal-fjuri għal quddiem l-istatwa fi żmien il-festa huma mitluba jikkuntattjaw lil Mons. Salv Pace.

**Nixtiequ nfakkru wkoll li l-quddiesa tal-11:00am tal-lum il-Ħadd 29 ta' Mejju, se ssir fis-Sala Parrokkjali minħabba l-Preċett.**

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am